**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U GĦOXRIN 22TA' SETTEMBRU, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku s-Sur Ignatius Farrugia u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **27.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 27.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **27.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 27.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'punt 26.3.2 hemm miktub li l-Fire point area se tingħata lill-Kunsill bi ħlas u mhux kif hemm miktub. Is-Segretarju Eżekuttiv ser terġa tikkonferma dan kollu qabel jiġi ffirmat il-kuntratt. |
| | | |
| 27.2.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fuq punt 26.5.9 u li hemm fondi fuq sorveljanza ta' tpoġġija ta' skart fil-ġranet li mhux suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill applika għal tali fondi wara konsultazzjoni mal-Kunsillier inkarigat. |
| | | |
| 27.2.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa kif ser jibqa l-Kunsill fuq il-bollards li tneħħew minn Transport Malta mingħajr ma l-Kunsill ma approvha. Hu saħaq li l-Kunsill għandu jipproċedi b'mod legali, jekk il-Kunsill għandu raġun. Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li l-Kunsill għandu jressaq protest ġudizjarju kontra TM. Hi ssuġġeriet li tikseb il-parir tal-avukat tal-Kunsill fuq dan. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 27.2.4 | | Ġew approvati l-minuti tas-sitta u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***27.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 27.3.1. | | Is-Sindku Rita Grima rringrazzjat lill-Kunsilliera li wrew is-solidarjeta magħha fuq il-fake news li xandar Net news. Hi infurmat li l-għada li tħabbret din l-istorja, tneħħiet minn fuq il-midja soċjali. |
| | | |
| 27.3.2 | | Is-Sindku qalet li fit- 28 u 29 ta' Settembru ser isiru laqgħat fil-każini tal-banda, fejn ser ikunu mistiedna studenti barranin, taħt il-programm Erasmus. Ser ikun hemm żjarat fil-knisja arċipretali, mitħna tax-Xarolla u l-Ġnien tal-Ġibjun, bħala parti mill-programm. |
| | | |
| 27.3.3 | | Fil-Pink October, il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq intgħażel biex jinġiebu nies bi żjarat fil-Mitħna tax-Xarolla u l-qliegħ kollha jmorru għal Mary Gold Foundation. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 27.3.4 | | F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Mitħna tax-Xarolla terġa tibda tinfetaħ għal pubbliku kull nhar ta' Ħadd. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 27.3.5 | | Il-ġimgħa l-oħra kien hawn konferenza mill-Onor Miriam Dalli fuq Youth sustainable communities, biex min hu interessat li jaħdem snajja u ma jridux ikomplu jistudjaw, jistgħu javviċinaw lill-Kunsill u jinkitbu f'din l-iskema. |
| | | |
| | | |
| 27.3.6 | | Is-Sindku Rita Grima ġibdet l-attenzjoni fuq il-kuntratt li għamel l-Avukat tal-Kunsill fuq il-Fire point area biex tingħata għall-użu biss ta' fire point lill-għaqdiet tan-nar fiż-Żurrieq.<br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet, li għandu jkun hemm klawżola wara punt i, li ma jiġix reixss l-encroachment permint min-naħa tal-gvern. U jiżdied punt li l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli għal kwalunkwe danni li jistgħu jiġu kkawżati lill-terzi persuni.<br><br>Kien hemm qbil li tali kuntratt ikun iffirmat nhar il-Ġimgħa wara li jkun emendat. **Dok 1 mehmuż**.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 27.3.7 | | Is-sena l-oħra saret żabra ts-siġar taż-żebbuġ, kien hemm qbil li din is-sena l-qtugħ taż-żebbuġ isir fl-ewwel sibt ta' Ottubru u wara jsir iż-żbir. |
| | | |
| ***27.4*** | | ***SLOW STREETS*** |
| | | |
| 27.4.1 | | Wara l-aħħar seduta, saret laqgħa bejn is-Sindku u l-kunsilliera biex jitħejja pjan ta' Slow streets. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li l-proċess jibda billi jingħalqu dawn it-toroq – Triq San Mikiel, Triq il-Karmnu, Triq Santa Katarina u Triq P P Saydon u b'hekk Misraħ Repubblika tkun magħluqa għat-traffiku u l-ħwienet ikunu jistgħu joħorġu l-imwejjed u siġġijiet. Dan isir mis-Sibt bejn il-17:00 u l-Ħadd sa' 14:00.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato l-għan ta' dan il-proġett hu li tħajjar lin-nies jimxu, jużaw ir-rota u ma jużawx il-karozzi. Minħabba resident li għandhom il-blue sticker u għar-residenti tal-akwata, jitħalla parkeġġ riservat għalihom fi Triq Dun Gużepp Zammit.<br>Hemm il-problema ta' min ser jgħalaq it-toroq temporanjament.<br>Il-proċess li jmiss hu li jsiru laqgħat mal-ħwienet, ma' TM u mal-Pulizija. |
| | | |
| ***27.5*** | | ***Proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2022)*** |
| | | |
| 27.5.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq applikazzjoni ta' fondi għall-proġetti fil-komunita li nħarġet mill-LESA.<br>Is-Sindku pproponiet li għal tal-fondi, il-Kunsill japplika biex isiru uċuh ġodda għall-isqaqin. Kien hemm qbil unanimu fuq dan. **Dok 2 mehmuż.** |
| | | |
| ***27.6*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 27.6.1 | | Il-Viċi Sinkdu qal li :<br>• hemm bżonn refresh ta' marki tat-toroq fi Triq Matteolo Saliba.<br>• Hemm bżonn li jsir refresh tal-uċugħ tal-bankini fi Triq P P Saydon - kien hemm qbil li tinġieb stima tax-xogħol. F'dan il-punt is-Sindku qalet li anke l-faċċata tal-Kunsill għandha bżonn manutenzjoni. Kien hemm qbil li jinġibu stimi.<br>• Kellmitu d-dentista ta' Triq il-Warda biex fi Triq il-Warda, minn 3 parkeġġi jiġu 2, u jsiru orizzontali minflok vertikali. Din il-persuna trid li tnaqqas parkeġġ biex tkun tista toħroġ aħjar mil-garage u biex ma ssirx ħsara lil ħajt tad-dar tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din il-persuna minflok metru, double yellow line mal-koxxa tal-garage tagħha, għandha 1.6metru u meta l-istess persuna riedet protezzjoni għal ħajt, il-Kunsill l-għada għamel rubber apposta biex il-vetturi jiefqu ma' dan ir-rubber u ma' joborxux il-ħajt. Is-Segretarju Eżekuttiv write filmat tal-post eżatt bil-vetturi pparkjati, għax meta tali resident għamlet l-ilmenti, marret biex tivverifika jekk ix-xogħol sarx sew. Dan il-każ ser jiġi ddiskuss fis-seduta li jmiss, wara li xi kunsilliera ser imorru fuq il-post ukoll, biex jaraw il-każ.<br>• Biex isir wiċċ ta' sqaq ġdid ta' Sqaq l-Imdawwar. Kien hemm qbil li jibdew isiru l-uċugħ kollha tal-isqaqin. |
| | | |
| 27.6.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li<br>• Fi Vjal l-Indipendenza hemm U bar imkissra – minflokha tiġi crash barrier<br>• Il-Ħadd tibda tinfetaħ il-Mitħna tax-Xarolla u jinqata l-ħlas tat-tindif.<br>• Fi Triq il-Barrieri inbena ċint u tħalla biċċa minnu mitluq. Biex jinbena kollu unit. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil fuq il-punti kollha |
| | | |
| 27.6.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard ġibdet l-attenzjoni fuq xogħol li ma tlestiex fi Triq il-Wardija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xogħol mhux komplut u għadu qed jitkompla. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li tinkiteb email lill-Perit u l-kuntrattur ikkonċernat, biex jitnaddaf l-ammont ta' terrapien li intefa fit-triq.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta fis-19:30. |
| | | |
| 27.6.4 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri talab biex issir tabella fejn ikun hemm feeders tal-qtates, inaddfu warajhom.<br>Kien ressaq petizzjoni biex issir sleeping policeman li kienet inqalgħet minn TM stess. Kien hemm qbil li terġa tintbgħat reminder oħra lil TM. |
| | | |
| 27.6.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• Il-cat cafe reġgħa beda miexi x-xogħol tiegħu.<br>• Il-laqgħa agrarja ser issir il-Ħamis 7 ta' Ottubru. Hi stess ser tagħmel poster biex jinġieb fuq fb.<br>• Biex isir bin żgħir bejn il-ħanut ta' Triq Bronja u dak ta' Triq Matteolo Saliba.<br>• Fi Vjal il-Blue Grotto k/m Triq l-Imqabba hemm bzonn cctv minħabba l-kontravenzjonijiet li qed ikun hemm. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tkellmet ma' TM fuq dan il-każ u qed tistenna risposta mingħandhom. Kien hemm qbil fuq il-punti kollha.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato ħarġet mis-seduta fis-19:55 |
| | | |
| 27.6.6 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia<br>• Bżonn li jitnaddfu l-ispralli qabel tibda sew ix-xita<br>• Biex isir refresh tal-marki tat-toroq quddiem l-iskola<br>• Ten grow tree – biex jitħawlu iżjed siġar. Ser imur jara l-postijiet fejn hemm bżonn li jitħawlu iżjed siġar.<br>• Biex issir zebra crossing quddiem Bronja Pharmacy – kien hemm qbil li issir applikazzjoni għaliha.<br>• Biex titnaddaf Triq E Grech<br>• Il-kollettur tal-iskart mhux qed jiġbor dak li jitqaatta mill-boroż<br>• Biex tintbgħat ittra bieb bieb lir-residenti ta' Sqaq Osswarju biex l-iskart iħalluh wara ir-residenza tagħhom.<br>• Triq Francis Falzon biex titwitta imqar biż-żrar<br><br>Kien hemm qbil fuq il-punti kollha.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li wera solidarjeta mas-Sindku u ta l-appoġġ tiegħu u tal-familja tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fit-20:00. |
| | | |
| 27.6.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• quddiem is-salib fi Triq il-Kbira qed ikun hemm ħafna skart mhux fil-ġranet li suppost jinħareġ<br>• biex jitnaddaf il-passaġ bejn Triq il-Kbira u Triq Filippu Farrugia. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tali passaġġ hu privat.<br>• Biex isir dwal fil-picnic area ta' Triq il-Wied. |
| | | |
| 27.6.8 | | Il-Kusillier Kyle Mifsud qal:<br>• li fir-rigward iċ-ċirkulari SPI/SCI/6/2021 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021, ser issir laqgħa tas-Sotto Kumitat biex tiġi organizzata l-attivita'. Tali proponimenti ser jitressqu b'email lill-kunsilliera kollha.<br>• Ser issir attivita ukoll għal Halloween – aktar dettalji jingħataw wara l-laqgħa tas-sotto kumitat<br>• Biex il-kunsill jagħmel manutenzjoni tat-tabelli ta' Triq Santa Katarina u fil-Misraħ Repubblika.<br>• Biex isiru l-ħofor tal-arbli għal Milied fi Triq Wied Babu.<br>• Hemm bżonn li l-Kunsill jikteb lill-Lands Department għax taw permess lil sid ħanut li jinsab wara l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, biex il-Kunsill joġġezzjona li m'għandux ikollu permess tal-imwejjed u siġġijiet u fuq it-tabella li saret. |
| | | |
| ***27.7*** | | ***Rapporti*** |
| ***27.8*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| ***27.8°*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 27.8a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Il-kamra tal-cat café ser issir minn l-orħos offerent 4,366Euro u jinxtara l-injam separatament għal ammont ta' 5,431Euro. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Hemm proposta biex issir attivita tal-isports għal-tfal ta' bejn l-10 snin u l-15 -il sena. Min ser jorganizza l-isports day jitħallas 500Euro għall-attivita. Ma kienx hemm qbil fuq il-prezz.<br>• Resident ilu jagħmel ilmenti fuq is-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq l-Imqabba k/m Vjal il-Blue Grotto. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tkellmet ma' Transport Malta u talbet il-proposti tagħhom.<br>• Resident qed jipproponi li Triq Santa Katarina minn Vjal il-Blue Grotto, tingħalaq għat-trakkijiet waqt il-ħinijiet tal-ftuħ u ħruġ tal-iskola. Ma kienx hemm qbil. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ppropona li l-bankina ta' Triq P P Saydon tinżebaħ bl-aħmar ħalli terġa tieħu l-ħajja. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret stima ta' żebgħa li tlaħħaq 1,300Euro u x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-kunsill. Kienhemm qbil li tinġib stima oħra mingħand persuna professjonali fil-qasam.<br>• L-istimi li kienu inġabru fl-aħħar seduta għal basketball rings, ma kienux ta' materjal sod li jista jintuża minn ħafna nies. Għalhekk reġgħu inġabru stimi oħra. L-orħos stima hi ta' 2,171.76Euro. Is-Sindku tablet l-għajnuna ta' Sports Malta fuq dan ir-rigward.<br>• Resident ta' 55 Triq iċ-Ċombini talab li issirlu bollard mal-faċċata tar-residenza tiegħu, minħabba li qed tinbaraxlu l-propjeta bil-vetturi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Kuntrattur qed jitlob permess biex jiġi installat tower crane fi Triq San Gorg. Dan il-kuntrattur talab il-permess ta' sid ta' propjeta li tali tower crane ser ikun installat quddiemha. Dan ser idum għal 6 xhur. Kien hemm qbil fuq dan, ġaladarba jġib il-permessi meħtieġa anke mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet.<br>• Resident minn Triq San Martin qed jitolbu biex il-parti fejn hemm il-parkeġġ, titkabbar sar roundabout. Dan sabiex jonqos il-periklu li kulħadd jgħaddi minn fuq ir-roundabout daqs li kieku m'hemm xejn u b'hekk jiżdied ukoll il-parkeġġ, peress li żdiedu ħafna aktar resident. Ma kienx hemm qbil fuq dan, għax dan kien sar minn TM, riċentament. Jekk qed isir xi irregolarita, għandhom jitressqu lill-pulizija. |
| | | |
| 27.8a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ħarġet applikazzjoni ta' fondi għal-attivitajiet tal-Milied - CIRKULARI NUMRU SPI/SCI/6/2021.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika għal dawn l-attivitajiet u għat-tiżjin ġdid tal-Milied li ser isir fi Triq P P Saydon. Dan il-punt tqajjeb fid-diskors tal-Kunsillier Kyle Mifsud ukoll. |
| | | |
| 27.8a.3 | | Fir-rigward ta' ftuħ ta' tenders ta' Stationery u Printing of material - kien hemm qbil li c-Chairperson tkun is-Sindku, l-ftuħ isir mill-impjegati tal-Kunsill u l-aġġudikar isir minn dawn il-Kunsilliera – Tiffany Ann Attard, Kyle Mifsud u Kaydem Schembri. |
| | | |
| 27.8a.4 | | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li waslet l-approvazzjoni ta' TM re Triq il-Ħaddiema tiġi two way traffic. Ix-xogħol ġie ordnat. |
| | | |
| 27.8a.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li TM ma approvatx li Triq Sant Andrija u Triq Hal Far ikunu 'no entry for heavy vehicles'. Hi infurmat lir-residenti li talbuha u dawn oġġezzjonaw u talbu r-rapport li inħareġ minn TM fuq dan. Is-Segretarju Eżekuttiv tablet spjegazzjoni lit-TM fuq liema bażi t-talba ma ġietx milqugħa u sadanittant resident talab laqgħa mal-Kunsill fuq dan ir-rigward. Kien hemm qbil li dan ir-resident jiġi mistieden fis-seduta li jmiss. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 28.8a.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġabret stima mingħand il-kuntrattur tal-knies fuq impjegat ieħor fuq iż-Żurrieq. L-istima miġbura hi ta' 1,499E fix-xahar sa kemm jispiċċa l-kuntratt. Kien hemm qbil li f'tender ieħor il-Kunsill ibiddel l-ammont ta' nies. |
| | | |
| | | |
| ***27.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 27.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali numru 48 u tal-Gal Xlokk numru 118, u Reġjun Nofsinhar numru 51. |
| | | |
| ***27.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 27.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' **€75,070.50**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kyle Mifsud u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***27.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 27.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 27ta' Ottubru, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 27 t'Ottubru 2021

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**